**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 t'Awwissu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Clint Cauchi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clint Cauchi, ta' 34 sena, iben Joseph u Emanuela nee' Farrugia, mwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Marzu 1985 u residenti gewwa Blk 2, Bieb B, Flt 4, Triq Ramija, Siggiewi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 162685M.

Akkuzat talli:

1. Ikkommetta serq ta' cable ghad-dannu ta' Nicola Vella u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija

u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. nhar il-21 ta' Marzu 2018, f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Clint Cauchi u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar il-5 ta' Mejju 2019, f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Clint Cauchi u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Gabriella Vella LL.D. nhar il-5 ta' Frar 2019, f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun

meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Clint Cauchi u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat;

6. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Vella LLD nhar it-30 ta' Novembru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat in-noti ta' sottomissijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

**5.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal proceduri odjerni huma s-segwenti:

**6.** Fis-27 ta' Jannar 2020 Malcolm Balzan kien fil-vettura tieghu flimkien mat-tfajla tieghu, u lemah ragel b'cable f'idejh qieghed idahhlu gewwa Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni LCW – 675, u saq bih.

**7.** Balzan issuspetta li dan ir-ragel kien qed jisraq il-cable tat-tower crane ta' Nikola Vella, li kien missier kugin tieghu. Dan it-tower crane kien jinsab go sit ta' kostruzzjoni fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, is-Siggiewi. It-tfajla ta' Balzan hadet xi ritratti bil-mobile taghha u Balzan segwieh bil-vettura tieghu, pero tilfu fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi.

**8.** Balzan ghamel kuntatt ma' Nikola Vella u ghamlu rapport l-ghassa ta' Hal-Qormi. Balzan ta soft copy tar-ritratti lill-Pulizija.

**9.** Mir-ritratti mghoddija lilhom, il-Pulizija irrizultalhom li l-vettura li tidher fir-ritratti hija registrata fuq Emanuela Cauchi residenti is-Siggiewi, li hija omm l-imputat. Ghalkemm ir-ragel fir-ritratt jidher pjuttost minn wara, identifikawh bhala l-imputat.

**10.** Konsegwentement, ittiehdu l-proceduri odjerni kontra l-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq ikkwalifikat*

**11.** L-unika xhud okulari ta' dan is-serq li gie prodott mill-Prosekuzzjoni huwa Malcolm Balzan. Dan ix-xhud xehed li huwa ra lill-imputat jghabbi l-wire tat-tower crane gewwa l-karozza griza, u segwieh bil-vettura tieghu, pero imbaghad tilfu. Huwa xehed li ma rax lill-imputat jaqla' l-wire, u lanqas rah jiftah il-grada tas-sit tal-kostruzzjoni. Pero fix-xhieda tieghu gharaf lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna li ra tghabbi l-wire fil-vettura. Xehed li t-tlett ritratti ezebiti hadithom it-tfajla tieghu li kienet hdejh fil-vettura, waqt li kienu bejn erba' (4) u hames (5) metri il-boghod mill-imputat. Pero il-Prosekuzzjoni ma ipproducietx din ix-xhud biex tixhed.

**12.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tattakka l-kredibilita ta' dan ix-xhud ghaliex tghid li m'huwiex xhud kredibbli stante li zgwida lil Pulizija ghax infurmahom li kien hu li ha r-ritratti, meta fix-xhieda tieghu *"meta ma kellux alternattiva"* qal li kienet it-tfajla tieghu li hadet ir-ritratti. Din il-Qorti ma taqbilx – waqt ix-xhieda tieghu, Balzan mill-ewwel qal lill-Ufficjal Prosekutur li r-ritratti *"haduhom",*[1] u meta mistoqsi minn hadhom, ghall-ewwel ma riedx jghid, imbaghad fuq ordni tal-Qorti qal li hadithom it-tfajla tieghu, li kienet fil-vettura mieghu.

**13.** Il-Qorti tosserva li effettivament ir-rapport tal-Pulizija ma jirriflettix dak li xehdu Balzan u Nikola Vella, id-derubat. Fil-fatt ir-rapport jghid Balzan u Vella kienu

[1] Ara fol. 45 tal-process.

gewwa s-sit tal-kostruzzjoni, meta Balzan lemah persuna maskili bil-cable f'idejh[2] – li ma jirriflettix fit-totalita dak li xehdu iz-zewg xhieda. Fil-fatt, fil-waqt li r-rapport jghid li Vella u Balzan kienu flimkien gewwa s-sit tal-kostruzzjoni tas-Siggiewi, Vella xehed li kien il-Qawra meta gie infurmat bis-serqa. Mix-xhieda ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri u mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li r-rapport ta' Balzan u Vella gie miktub minn PC 1430 Colton Grech Micallef – li ma ttellax bhala xhud tal-Prosekuzzjoni, u hu sussegwentement aggornah.

**14.** Din il-Qorti kellha l-opportunita li tara u tisma' kemm lil Balzan u kemm lil Vella jixhdu, u kemm mill-komportament taghhom waqt ix-xhieda, kif ukoll mill-kumpless tal-provi, ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiskredita x-xhieda taghhom, u hija moralment konvinta li l-verzjoni veritiera hija dik moghtija fix-xhieda taghhom, u mhux dak imnizzel f'dik il-parti tar-rapport redatta minn PC 1430 Colton Grech Micallef.

**15.** Ghalkemm it-tfajla ta' Balzan ma telghetx tixhed biex tikkonferma li kienet hi li hadet ir-ritratti, Balzan ikkonferma li r-ritratti ittiehdu minnha waqt li kienet hdejh fil-vettura, u kkonferma ir-ritratti. Vella wkoll gharaf il-grada li tidher fir-ritratti bhala dik tas-sit tal-kostruzzjoni fejn kien qed jahdem, kif ukoll li l-cable fir-ritratti kien il-cable tad-dawl li kellu mat-tower crane tieghu. Vella ammetta li l-wire tad-dawl tieghu ma kellux xi marka partikolari li tiddistingwih minn wires ohrajn, pero mir-ritratti ezebiti huwa car li l-wire jidher hiereg mill-fond li jinghalaq bil-grada imsemmija, u qed jigi mdahhal fil-bagoll tal-karozza griza/silver. Vella xehed ukoll li hu sab bicca wire li baqghet imwahhla mat-tower crane.

**16.** Id-difiza tikkritika lill-Prosekuzzjoni li ma tellghetx tixhed lit-tfjala ta' Balzan li hadet ir-ritratti, u tghid li din kienet kienet xhud fundamentali. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghal dak li diga qalet fid-digriet taghha tal-30 ta' Gunju 2020 fir-rigward tan-nuqqas ta' din il-persuna li titla' tixhed, u dwar l-ammissiblita tar-ritratti in kwistjoni.

[2] Ara fol. 11 tal-process.

**17.** Mix-xhieda u d-dokumenti ezebiti minn Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCW 675, li tidher fir-ritratti, kienet fiz-zmien in kwistjoni registrata fuq Emanuela known as Eleonora Cauchi, li tirrissjedi fl-istess indirizz tal-imputat, u li hija omm l-imputat.

**18.** F'wiehed mir-ritratti ezebiti, jidher ragel, pero mill-genb, hdejn il-karozza griza/silver, li fiha kien qed jitghabba il-cable. Ghalkemm il-wicc mhux visibbli, certament l-istatura tar-ragel hija dik tal-imputat.

**19.** Id-difiza tissottometti wkoll li l-prosekuzzjoni ma rnexxilihix tipprova li l-cable in kwistjoni kellu valur ta' aktar minn mitejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Fix-xhieda tieghu, id-derubat Vella jghid li dan il-cable jiswa elfejn Euro (€2,000). Huwa xehed ukoll li l-ghada tas-serqa, kien mar xtara cable iehor twil daqs nofs dak li insteraq. Ghalkemm kien ikun ahjar kieku Vella ezebixxa ghall-inqas kopja tal-ircevuta tal-cable il-gdid li xtara, din il-Qorti, kif diga qalet m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Vella.

**20.** Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*It-Tieni Imputazzjoni – Ricettazzjoni*

**21.** Huwa ovvju li din it-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq. Billi din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-tieni imputazzjoni

*It-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet – Ksur ta' tlett digrieti tal-helsien mill-arrest*

**22.** Kopja tat-tlett digrieti ghal helsien mill-arrest imsemmija f'dawn it-tlett imputazzjonijiet giet ezebita mill-Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali.[3]

[3] Ara fol. 77-79 tal-process.

**23.** Il-Qorti tosserva li d-digriet ta' din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo huwa datat 2 ta' Mejju 2019 u mhux 5 ta' Mejju 2019 kif indikat fir-raba' imputazzjoni fic-citazzjoni. Rigward dan id-difett f'din l-imputazzjoni u l-effett tieghu, il-Qorti sejra tikkwota partijiet sostanzjali mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[4] tat-18 ta' Marzu 1955 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**[5], li kienet tittratta talba ghal korrezzjoni fid-data tal-incident indikata fic-citazzjoni. Dan ghaliex l-insenjament taghha gie segwiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi sussegwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

**24.** *"Issa ic-citazzjoni fil-gudizzji sommarji, kif jirrizulta mill-gurisprudenza lokali in propozitu, giet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliz (ara deciz. Preliminari "Pulizija vs. Bartoli", App. Krim. 8.1.1938, deciz definittivament fl-4 ta' Gunju 1938); u ghalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-principji tad-Dritt Ingliz dwar din il-materja, senjatament il-principju bazilari, hekk espress, aktar minn sebghin sena ilu, fil-kawza "Terreni vs. Gabaretta", 17 ta' Gunju 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef:- "Che e di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e indispensabilemente necessario attenersi strettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazione; beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo crede necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto";*

**25.** *Dan il-principju ma gie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-ligi dwar dak li ghandu jkun fiha c-citazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 ghal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap 12 Ediz. Riv.*[6]*). Tant illi fis-sistema ingliza, fejn ic-citazzjoni ghandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Ligi Maltija (ara Stone's "Justices' Manual", Vol. II, para 77, pag. 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jinghad li ma hemm ebda nullita minhabba difett fic-citazzjoni, izda biss dritt ghal differiment fuq*

---

[4] *Per* Imhallef William Harding
[5] Vol. XXXIX-IV-986
[6] Illum l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*talba tal-imputat, jekk bl-izball dan seta' kien "misled" (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess haga qalet din il-Qorti fil-kawza "Polizia vs Ashby", 12 ta' Awissu 1917, b'dawn il-kliem "Le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovazione legislative nella indicazione delle particolarita della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cioe che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita nella citazione non ne producono la nullita, potendo una tale ommissone od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa."*

**26.** *L-istess gie ritenut f'dawn il-kawzi, fost ohrjan, App. Krim. "Pul. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918, "Carabott vs. Galea" 12 ta' Awissu 1918, "Pul vs. Carmelo Mariani" 12.6.1942. Ara wkoll decizjoni recenti ta' din i-Qorti kollegjalment komposta, "Regina vs. Cutajar, 13.12.1954;*

… …

**27.** *Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b'xi mod pregudikat, ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu. Infatti, il-bazi tal-inkriminazzjoni kienet jekk kellux jew ma kellux fil-pussess tieghu 214 il-par kalzetti tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setghax jizvijah. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-Prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza;*

**28.** *Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah "variance" ghax appuntu "variance" hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630. … …"*

**29.** L-istess insenjament baqa' jigi segwit fiz-zminijiet recenti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Glenn Debattista**, deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] irriteniet hekk:

**30.** *"Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti tal-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk tal-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX tal-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi tal-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti tal-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-*

[7] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu."* (ara fl-istess sens is-sentenzi **Il-Pulizija vs Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 u **Il-Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju, decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri))

**31.** Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Farrugia** deciza fil-31 Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk:

**32.** *"Issa huwa minnu wkoll li fil-kaz prezenti hu veru li fic-citazzjoni ma hemmx indikat iz-zmien li fih sar l-allegat reat mill-appellanti w lanqas ma hemm xi indikazzjoni taz-zmien meta dan l-allegat reat kontinwat gie skopert u mwaqqaf. Hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz, l-eccezzjoni li qed tissolleva l-appellanti kellha taghmilha 'in limine litis' quddiem l-ewwel Qorti, dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax li din il-kwistjoni qatt tqajjmet mill-appellanti quddiem dik il-Qorti fl-istadji kollha ta' dawn il-proceduri kemm damu quddiemha. Dan ifisser li l-appellanti ma tistax issa tigi tqajjem ghall-ewwel darba din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti bhala wahda mill-aggravji taghha kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti. Hi kellha tqajjem din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti appena inqratilha l-akkuza w dik il-Qorti kienet taghti l-provvediment taghha relattiv. ... ...*

**33.** *Barra minn hekk, imkien ma jirrizulta mill-atti li l-appellanti ma setghetx tiddefendi ruhha kontra l-akkuza migjuba kontriha minhabba n-nuqqas tar-rekwizit tad-data fic-citazzjoni. Jirrizulta car mill-provi li anke mill-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti kien gie maghruf liema kien iz-zmien jew data in kwistjoni w li kienet qed tirreferi ghalih l-akkuza, u, fil-fatt, l-appellanti, ghalhekk ikkontestat l-akkuza w anke gabet il-provi relattivi taghha li jirreferu ghal dan iz-zmien jew data rizultanti mill-provi."*

---

[8] *Per* Imhallef Patrick Vella.

**34.** L-istess jista' jinghad ghal kaz odjern. Huwa ovvju li anke mill-ewwel seduta, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, kien ben konsapevoli tal-imputazzjonijiet li kienu qeghdin jigu imputati lilu. In fatti, l-imputat ikkontesta l-imputazzjonijiet, u waqt l-ezami wiegeb li ma kienx hati. Dak in-nhar xehed ukoll fit-tul, l-Ufficjal Prosekutur dwar l-investigazzjoni tieghu. Matul il-proceduri, d-difiza ghamlet il-kontro-ezami lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll ipprezentat nota ta' sottomissjonijiet finali. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri, ma giet sollevata mid-difiza l-kwistjoni li d-data tad-digriet imsemmi fir-raba' imputazzjoni kienet zbaljata, u/jew li l-imputat ma kienx jaf, jew li ma setghax ikun jaf, totalment jew parzjalment il-fatti li kienu qieghdin jigu imputati lilu b'din ir-raba' imputazzjoni, jew li b'xi mod id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu kien qieghed jigi ippregudikat. Fil-fatt dan l-izball fid-data qed jigi sollevat minn din il-Qorti *ex officio* f'din is-sentenza, u ma giex sollevat mid-difiza.

**35.** Ladarba d-dritt tal-imputat li jiddefendi ruhu ma gie bl-ebda mod pregudikat bl-izball fid-data tad-digriet imsemmi fir-raba' imputazzjoni fic-citazzjoni, din l-imputazzjoni ma tistghax titqies bhala invalida.

**36.** Rigward il-mertu ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet, fit-tlett digrieti fihom imsemmija impunew fuq l-imputat obbligu li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Ladarba din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe dak ta' serq ikkwalifikat, isegwi li l-imputat kiser din il-kundizzjoni f'kull wiehed minn dawn it-tlett digrieti ghall-helsien mill-arrest.

**37.** Konsegwentement, dawn it-tlett imputazzjonijiet gew debitament ippruvati mill-Prosekuzzjoni.

*<u>Is-Sitt Imputazzjoni – Ksur ta' Ordni ta' Probation</u>*

**38.** Il-Prosekuzzjoni ezebiet is-sentenza moghtija kontra l-imputat fit-30 ta' Novembru 2017 minn din il-Qorti, diversament preseduta, fejn fuq ammissjoni tieghu stess, l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet u din il-Qorti, *inter alia,* qieghdet lill-imputat taht Ordni ta' Protezzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

**39.** Ladarba din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni li sehhet fis-27 ta' Jannar 2020, u cioe matul il-perjodu tal-probation, isegwi li huwa kiser l-Ordni ta' Probation, kif jippreskivi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**40.** Konsegwentement anki din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

**41.** Il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh, hlief tat-tieni imputazzjoni li se tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha, ghar-ragunijiet fuq moghtija.

**42.** Mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li hu gie kkundannat darba minn dawn il-Qrati ghal serq ikkwalifikat fl-2017.

**43.** Fil-bidu tal-proceduri, din il-Qorti qieghdet lill-imputat taht ordni ta' supervizjoni temporanja. L-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia li qieghda issegwieh kienet bdiet issegwieh minn Ottubru 2017 meta giet imqabbda minn din il-Qorti, diversament preseduta biex taghmet pre-sentencing report fil-proceduri kriminali li gew terminati fl-2017. Hija xehdet li l-imputat ghandu problema ta' droga akuta u hija l-kawza tar-reat illi jwettaq. Xehdet li meta kien detenut il-habs taht arrest preventiv fil-proceduri kriminali l-ohra kien *clean*. Wara li hareg mill-habs beda programm ta' riabilitazzjoni mal-Agenzija Sedqa, pero dam biss ftit granet ghax telaq, u rega' beda jabbuza mid-droga, u dan minkejja li qieghed taht ordni ta' probation. Fil-fatt it-testijiet tal-urina li sarulu kienu kollha pozittivi ghad-droga. Sussegwentement spicca ri-arrestat u nfethu proceduri kriminali kontrieh fuq imputazzjonijiet ohra.

**44.** L-Ufficjal tal-Probation xehdet hekk:

**45.** *"Jidher illi hu jrid jaghmel programm Clint, irid jaghmel xi haga fuq il-problema, pero meta jkun qieghed barra, qed isibha hafna difficli. Ghaldaqstant jidher illi jekk*

*ikun qieghed contained u minn fejn ikun contained imbaghad jigi encouraged biex jaghmel programm, jinghata opportunita, tkun il-haga ideali. … …*

**46.** *Voluntarjament minn barra hu qed isibha difficli biex ma juzax droga, biex ma jabbuzax. Allura jekk jibqa' jabbuza mid-droga ovvjament mhux se jasal biex jidhol programm, Ghax biex tidhol programm trid tkun clean. … … (J)idher car illi jekk mhux ha jkun contained mhuwiex ha jasal biex jaghmel programm."*

**47.** Ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation hija ikkorroborata fis-sustanza mix-xhieda ta' Leon David Madden, rapprezentant tal-Agenzija Caritas, li ilu jsegwi lill-imputat mill-2011. Dan ix-xhud jghid li l-imputat kien sejjer tajjeb, u kellu hajja stabbli, pero iddeterjora fl-2016/2017 meta kellu hafna problemi personali. Kien se jibda programm residenzjali, pero iddahhal il-habs, ghax inbdew proceduri kriminali kontrieh. Fl-2020 l-imputat rega' talab biex jibda programm residenzjali, izda lahqu regghu inbdew proceduri kriminali kontrieh. Dan ix-xhud qal ukoll li meta persuna tkun qeghda detentuta l-habs b'sentenza finali, tista' tapplika ghal Prison Inmates Programme, u l-Bord tal-Habs jiddeciedi, skond il-policies taghhom, min huma l-persuni elegibbli biex jaghmlu programm mal-Agenzija Caritas.

**48.** Fid-dawl ta' dak li xehdu dawn iz-zewg xhieda, huwa car li ghalkemm fl-2017 l-imputat inghata opportunita minn din il-Qorti biex jirriforma ruhu, hu ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn din l-opportunita, u naqas ghal kollox li josserva kemm l-ordni ta' probation kif ukoll l-ordni ta' trattament, moghti wkoll bis-sentenza tal-2017. Jirrizulta wkoll li l-imputat mhux se jasal biex jibda u jittermina programm ta' riabilitazzjoni, jekk ma jkunx qieghed f'ambjent ikkontrollat, bhalma hu l-habs.

**49.** Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea ghal kaz odjern hija biss dik ta' prigunerija effettiva, sabiex l-imputat juza dan il-perjodu, jew ghall-inqas parti sostanzjali minnu biex jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, kemm fl-interess tieghu personali, kif ukoll fl-interess tas-socjeta.

**50.** L-ewwel imputazzjoni li l-imputat instab hati taghha hija dik ta' serq ikkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix €2,329.37, u l-piena minima ghal dan ir-reat huwa suggett ghal piena minn hames xhur sa tlett snin prigunerija.

**51.** It-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet huma ta’ ksur ta’ tlett digrieti ghal helsien mill-arrest, u l-ksur ta’ kull digriet hu suggett ghal piena ta’ multa jew ta’ priġunerija għal żmien ta’ erba’ xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta.

**52.** Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tar-regoli tal-konkors tal-pieni, fl-opinjoni tal-Qorti il-piena idonea ghall-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet hija dik ta’ tlett snin prigunerija, u l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta.

**53.** L-imputat instab hati wkoll tas-sitt imputazzjoni dedotta kontrieh, u cioe li ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta’ probation, imposta fuqu b’sentenza tat-30 ta’ Novembru 2017. Konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat ghar-reati li taghhom instab hati b’dik is-sentenza, kif jippreskrivi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tinfliggi piena ghar-reati li taghhom instab hati f’dik is-sentenza.

**54.** F’dik is-sentenza, l-imputat instab hati ta’ serq ta’ erba vetturi ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €2,329.30, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u li kkaguna danni volontarji fuq oggetti mobbli jew immobli ta’ mhux izjed minn €2,500.

**55.** Minn qari ta’ din is-sentenza jidher li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u li ghal fini ta’ piena tat-tieni imputazzjoni ghandha tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni, stante li r-reat fit-tieni imputazzjoni ta’ danni volontarji serva bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess ir-reat ta’ serq ikkwalifikat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni.

**56.** Ir-reat ta’ serq bil-kwalifiki fuq imsemmija hu suggett ghal piena minn tmintax (18)-il xahar sa 9 snin prigunerija, pero din il-piena ma ghandhix tinghata fil-minimu taghha (Artikoli 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali). Tenut kont li meta kkommetta dawn ir-reati, l-imputat kellu fedina penali netta, u jidher li rregistra ammissjoni bikrija, il-Qorti hi tal-opinjoni, li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-piena idonea ghandha tkun ta’ sentejn prigunerija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni;

2. Wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(b), 280(2) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, pero fir-raba' imputazzjoni ir-riferenza hija ghad-digriet tat-2 ta' Mejju 2019 u mhux ghal dak tal-5 ta' Mejju 2019, kif indikat fic-citazzjoni. Il-Qorti tikkundannah ghal piena karcerja ta' tlett snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn il-proceduri.

3. Inoltre l-Qorti tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tat-21 ta' Marzu 2018, moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dottor Audrey Demicoli, u tordna l-arrest mill-gdid tal-hati.

   Il-Qorti tordna li l-garanzija personali ta' hamest elef Euro (€5,000) stabbilita fid-digriet fuq imsemmi, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u jekk l-hati jonqos li jhallas il-garanzija personali, dan l-ammont, jew kull bilanc minnu dovut, jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Il-Qorti qieghda tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tat-2 ta' Mejju 2019 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo, u tordna l-arrest mill-gdid tal-hati.

   Il-Qorti tordna li s-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350) bhala depozitu u l-garanzija personali ta' ghaxart elef Euro (€10,000) stabbiliti fid-digriet fuq imsemmi, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u jekk l-hati jonqos li jhallas il-garanzija personali, dan l-ammont, jew kull bilanc minnu dovut, jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

5. Il-Qorti qieghda tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-5 ta' Frar 2019 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta),, preseduta mill-Magistrat Dottor Gabriella Vella, u tordna l-arrest mill-gdid tal-hati.

   Il-Qorti tordna li s-somma ta' mitt Euro (€100) bhala depozitu u l-garanzija personali ta' tmint elef Euro (€8,000) stabbiliti fid-digriet fuq imsemmi, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u jekk l-hati jonqos li jhallas il-garanzija personali, dan l-ammont, jew kull bilanc minnu dovut, jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

6. In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tas-sitt (6) imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' *probation* tat-30 ta' Novembru 2017 maghmula minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dottor Anthony Vella, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' *probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271, 279(b), 280(2) u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Clint Cauchi ghal perjodu ulterjuri ta' sentejn prigunerija.

Ghalhekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' hames (5) snin prigunerija, apparti s-sanzjonijiet ordnati kontrih kif fuq inghad.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**